# Mid-Djarju Tiegħi

**Il-Ħadd, 16 ta' Marzu, 1941.**

Il-lejla qattajt siegħa sħiħa nħares lejn ġemgħa tfal jilgħabu *tas-suldati.*

Minn kemm ilha li bdiet il-gwerra 'l hawn, it-tfal li jgħixu l-Belt u qrib il-fortizzi, u li ma jarawx ħlief kanuni u dak kollu li jmiss mal-ħajja tas-suldat, ħadu d-drawwa li jilgħabu *tas-suldati.*

U erħilhom idawru rokon u mkejjen oħra bil-ġebel imfarrak, bil-laned jew bl-ixkejjer, iwaħħlu biċċa lasta ma' l-art u magħha jtellgħu bandiera; u jitkellmu bħalma jitkellmu s-suldati bejniethom fuq il-kanun. F'kelma waħda, itennu ħaġa b'ħaġa dak kollu li jaraw lis-suldati jagħmlu.

Xi ħlewwa! It-tfal għandhom mill-għasafar. Jimxu wieħed wara l-ieħor u jagħmlu bħalma jaraw lil ħaddieħor jagħmel. U għalhekk dawk li jridu l-gwerra, biex jikbru u jistgħanew, jibqgħu jsibu dejjem kotra ta' żgħażagħ mimlija ħeġġa biex jitqabdu u jmutu għalihom; għaliex it-tfal — u ż-żgħażagħ, li huma kemm kemm akbar mit-tfal — dejjem kien mingħalihom li l-gwerra hi xalata kbira, jew li hu sabiħ li tilbes u tilgħab *tas-suldat* jew tiġri minn art għall-oħra u tiltaqa' ma' xbejbiet

sbieħ; u terġa' lura wara l-gwerra, lejn artek, mimli midalji u mimli ġieħ.

Jaħasra!... Kemm qerq u bluha, li ż-żgħażagħ jibqgħu ma jarawhom qatt! U tgħidilhom kemm tgħidilhom, ma jemmnukx. Ma jifhmux li qegħdin jinqdew bihom bħallikieku tgħam għall-kanuni; u għal xejn aktar.

F'hekk twassal — f'qabar bikri biss — il-ħolma mdehba tas suldat żagħżugħ.

U l-kbar iħarsu lejn iż-żgħar jilgħabu *tas-suldati*; u jidħku-lhom. U jħeġġuhom biex jissuktaw.

Iżda x'ħin jidlam u t-tfal igħajew, u mal-għaja jaqa' n-nagħas, jarawha bi tqila wisq li tqajjimhom u tiġborhom mie-għek f'xelter; x'ħin is-suldati l-kbar ixammru u jerfgħu l-kanuni 'l fuq biex jilqgħu lil min jiġi fuqna ta' sikwit u jinqeda bid-dlam biex ikissirna u jfarrakna.

Hekk ġara l-lejl li għadda, x'ħin, għal xi s-siegħa ta' fil-għodu, daħlu fuqna kemm-il ajruplan u waddbu mal-ħamsin bomba.

Ebda tifel milli rajt fix-xelter, rieqed qisu kelb jew jingħi ma' djul ommu, ma kien baqagħlu ħrara biex f'dak il-waqt, jissokta jilgħab *tas-suldati*.

U x'ħin it-twerdin tal-makni beda joqrob lejna, u bdiet tinstema' t-tisfira tal-bombi niżlin fil-qrib; u t-tiri tal-kanuni bdew itarrxu lil kulħadd; u l-ommijiet bdew jixhru u jitolbu ħniena, it-tfal stenbħu mwerwin. U fuq wiċċhom rajt ix-xbieha tal-waħx li ġġib magħha l-logħba l-kbira tas-suldati.